MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Numru 991/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**Vs.**

**PAUL COST AGIUS**
**EUGENIO AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Paul Cost Agius detentur tal-karta ta' l-identita' 0488583 (M) ta' 26 sena, bin Eugenio u Maria Briffa, mwieled l-Pieta', nhar it-12 ta' Settembru, 1983 u residenti No.197, Triq il-Kbira, Balzan

U

Eugenio Agius detentur tal-karta ta’ l-identita’ 0650858 (M) ta’ 50 sena, bin Costantino u Emanuela nee’ Xuereb, imwieled il-Pieta’ nhar id-09 ta’ Ottubru 1958 u residenti No.197, Triq il-Kbira, Balzan.

Billi huma akkuzati talli nhar il-15 ta’ Awissu, 2009 ghall-habta ta’ 11.45hrs, gewwa il-Kazin bl-isem ‘Balzan Youths Football Club’, fi Pjazza Bertu Fenech, Hal-Balzan;

1. Volontarjament ghamlu hsara fuq mwejjed, siggijiet, u oggetti ohra ghad-dannu tal-Kazin Balzan Youths u ta’ persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax –il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47).
2. Kkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ John Clint Micallef skond kif iccertitika Dr. Christopher Deguara M.D reg. NO. 3033 mic-centru tas-sahha tal-Mosta.
3. Volontarjament kisru l-bon ordni u il-paci pubblika.
4. Qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti.

U lil Paul Cost Agius wahdu talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi

5. Kkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Peter Cipriott permess ta’ oggett iebes (flixkun tal-hgieg) skond kif iccertifika Dr. N. Spiteri M.D reg. NO. 5148 mill-Isptar Mater Dei.
6. Hedded bi kliem lil Peter Cipriott minn Hal Balzan.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi mizuri ghas-sigurta’ ta’ Peter Cipriott u John Clint Micallef kif ukoll ghall-Kumitat u ghas-socji tal-Kazin Balzan Youths skond l-artokolu 383 tak-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. NS 5 u nnutat li l-imputati m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputati, seduta stante, iddikjaraw li qeghdin jiskuzaw ruhhom ma’ John Clint Micallef u Peter Cipriott presenti fl-Awla u iddikjaraw li llum stess ser ihallsu lil Peter Cipriott in rappresentanza tal-Kazin Balzan Youths Football Club is-somma ta’ Euro 800 bhala danni kagunati minnhom fl-istess kazin fi Pjazza Bertu Fenech, Hal Balzan rigwardanti dan il-kaz.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputati ikkoperaw mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Paul Cost Agius l-artikoli 17, 325(1)(b), 221, 338(dd) u 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Paul Cost Agius, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imsemmi imputat, li l-imsemmi imputat Paul Cost Agius ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-istess imputat, seduta stante, flimkien mal-imputat l-iehor Eugenio Agius iddikjaraw li qeghdin jiskuzaw ruhom ma’ John Clint Micallef u Peter Cipriott presenti fl-Awla u iddikjaraw li llum stess ser ihallsu lil Peter Cipriott in rappresentanza tal-Kazin Balzan Youths Football Club is-somma ta’ Euro 800 bhala danni kagunati minnhom fl-istess Kazin sitwat fi Pjazza Bertu Fenech, Hal Balzan rigwardanti dan il-kaz, tillibera lill-istess imputat Paul Cost Agius taht il-

Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor xi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Paul Cost Agius ghall-piena ta' hames mija u tmenin Euro (Euro 580) multa.

Rat fil-konfront tal-imputat Eugenio Agius l-artikoli 17, 325(1)(b), 221, 338(dd), 338(bb) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Eugenio Agius, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imsemmi imputat, li l-imsemmi imputat Eugenio Agius ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-istess imputat, seduta stante, flimkien mal-imputat l-iehor Paul Cost Agius iddikjaraw li qeghdin jiskuzaw ruhom ma' John Clint Micallef u Peter Cipriott presenti fl-Awla u iddikjaraw li llum stess ser ihallsu lil Peter Cipriott in rappresentanza tal-Kazin Balzan Youths Football Club is-somma ta' Euro 800 bhala danni kagunati minnhom fl-istess Kazin sitwat fi Pjazza Bertu Fenech, Hal Balzan rigwardanti dan il-kaz, tillibera lill-istess imputat Eugenio Agius taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor xi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Eugenio Agius ghall-piena ta' mitejn u tlieta u tletin Euro (Euro 233) multa.

Inoltre, il-Qorti, bl-appikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputati Paul Cost Agius u Eugenio Agius b'obbligazzjoni personali ta' elf u hames mitt Euro (Euro 1500) kull wiehed li jzommu l-kwiet ma' Peter Cipriott u John Clint Micallef u li jzommu l-bonordni pubbliku ma' kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputati Paul Cost Agius u Eugenio Agius l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------